**11 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Carmel Grima**

**Traffiku — "Third Party Risks" — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan — Prova — Reat Uniku — Inseparabbilità Ġuridika — Piena.**

*Persuna li ssuq karrozza tal-mutur meta hija skwalifikata b'sentenza milli jkollha jew tottjeni liċenza tas-sewqan għal ċertu żmien, ma tistax serjament tallega illi hija ma kienetx taf, meta saqet dik il-karrozza, li kienet hekk skwalifikata. Difiża ta' din ix-xorta tista' tiġi anki trattata bħala abbuż tal-proċediment tal-Qorti, u tiġi punita bħala tali.*

*Ugwalment inkapibbli huwa l-mezz defensjonali konsistenti filli tonqos l-aħjar prova, ċjoè l-polza tal-assikurazzjoni, li setgħet liberament tiġi eżibita bħala prova, meta l-prova kienet saret suffiċjentement bix-xhieda; jekk l-imputat ried jimpunja dik il-prova, il-polza kien imissha tkun għandu u seta' jeżibiha hu, minflok li jinkolpa infondatament lill-Prosekuzzjoni.*

*Bejn ir-reat ta' sewqan bla kopertura tal-polza tas-sigurtà u dak ta' sewqan minn driver kontra l-ordni tal-iskwalifika ma hemmx lok għal assorbiment; għax is-sewqan bla kopertura mhux bilfors sewqan kontra l-ordni tal-iskwalifika; l-infrazzjoni ta' dak l-ordni ma hux "nexus" ġuridiku jew naturali li jġib l-uniċità tar-reat, imma "nexus" aċċidentali, kreat bil-malizzja tad-driver.*

*Diġà hu biżżejjed li wieħed isuq fil-waqt li jkun skwalifikat; imma meta ma' dan jiżdied li, jekk bis-sewqan tiegħu, lilu projbit mill-Qorti, hu jikkaġuna ħsara lil ħadd ieħor fi ħwejġu jew persuntu, lanqas ikun hemm il-kopertura tas-sigurtà, il-każ huwa tant serju illi d-driver ħati ma jistax jilmenta jekk il-Qorti tagħtieh piena restrittiva tal-libertà personali u mhux sempliċement pekunjarja. Għax il-peri-

*koli tat-traffiku saru tant gravi, illi ċertament ma għandhomx bżonn jiġu awmentati bi drivers in kontravvenzjoni tal-liġi, ossija, kif jissejħu, "pirate drivers".*

Il-Qorti:— Rat l-atti kumpilati kontra Carmel Grima quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fuq l-imputazzjoni talli l-Bombi u bnadijiet oħra, fit-13 ta' Diċembru 1958, f'xi l-5.30 p.m., saq truck nru. 22316 minn taħt l-arkata tal-Bombi, saq l-istess truck b'ġiri aktar milli jmissu, u, fil-waqt li kien skwalifikat milli jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Marzu 1958, saq l-istess truck mingħajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939, bit-talba tal-Prosekuzzjoni li jiġi skwalifikat milli jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-24 ta' Jannar 1959, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 19 tal-Kap. 105 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-art. 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice nru. 337/1940, u fl-art. 3(1)(2) tal-Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Frar 1959, li biha sabet lill-imsemmi Carmel Grima ħati talli, fil-waqt li kien skwalifikat milli jkollu jew jieħu liċenza tas-sewqan, saq vettura fuq trieq publika, u ddikjaratu reċidiv f'delitt, u talli saq truck mingħajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond l-Ordinanza XXXVI tal-1939, u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien xahar fuq l-ewwel imputazzjoni u għal £10 multa, u ordnat li jiġi skwalifikat milli jkollu jew jieħu liċenzi tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar, li jibdew jgħoddu wara li jispiċċa l-perijodu tal-

iskwalifika ordnat bis-sentenza tal-20 ta' Marzu 1958, fuq it-tieni imputazzjoni. Dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis:*

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dan l-appell huwa infondat;

L-ewwel motiv hu li l-imputat ma kienx jaf li kien skwalifikat milli jkollu liċenza tas-sewqan. Meta jiġi kunsidrat li din l-iskwalifika kienet b'sentenza, wieħed ma jistax ma jiddeplorax b'liema serjetà jista' qatt jinġieb quddiem Qorti ta' Ġustizzja motiv simili. Il-Qorti tavverti li argument ta' din ix-xorta jista' jkun anki trattat bħala "abuse of the process of the Court", u punit bħala tali;

It-tieni motiv hu konċepit b'dawn il-kliem:— "Tonqos l-aħjar prova, ċjoè l-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni, li liberament setgħet tiġi eżibita bħala prova". Dan il-motiv appena jiftiehem, u jeħtieġ li l-iskritturi ġudizzjarji jiġu redatti b'aktar studju u serjetà. Il-prova saret suffiċjentement bix-xhieda ta' Victor Grech, fol. 11. Jekk l-imputat ried jimpunja dik il-prova, il-polza kien imissha qegħdha għandu, u seta' fil-każ jeżibiha hu, minflok li jinkolpa infondatament il-Prosekuzzjoni;

Ma hemmx lanqas fil-każ in ispeċje, lok għall-assorbiment; għax is-sewqan bla kopertura tal-polza ma hux bilfors sewqan minn driver kontra l-ordni tal-iskwalifika; l-infrazzjoni ta' dak l-ordni ma hux "nexus" ġuridiku jew naturali li jġib l-uniċità tar-reat, imma "nexus" aċċidentali, kreat bil-malizzja tal-imputat (ara "Rex vs. Degiorgio", Qorti Kriminali (kolleġjali), 29 ta' Jannar 1937, għal dawk li huma prinċipji dwar l-uniċità tar-reat);

Intqal ukoll fir-rikors tal-appell li ċ-ċirkustanzi huma tali li tistħoqq piena pekunjarja, u mhux dik restrittiva mogħtija mil-Maġistrat. Hu sorprendenti li jingħad dan b'sobrjetà tal' ġudizzju. Diġà hu biżżejjed li wieħed isuq fil-waqt li jkun skwalifikat; imma meta ma' dan jiżdied li, jekk *bis-sewqan tiegħu, li l-Qorti* tkun ipprojbietlu, hu jikkaġuna ħsara lil ħadd ieħor, fi ħwejġu *jew persuntu*, laqas ikun hemm il-kopertura tas-sigurtà, jirriżulta b'mod l-aktar ovvju kemm każ simili hu verament serju. Anzi din il-Qorti ma teżitax tgħid illi, kieku l-liġi kienet tippermetti li l-Qorti tal-Appell iżżid il-piena, f'dan l-każ kienet *tħoss li għandha żżidha*; għax il-perikoli tat-traffiku saru tant gravi, li ċertament ma għandhomx bżonn jiġu awmentati bi drivers in kontravvenzjoni tal-liġi, ossija kif jissejħu, *"pirate drivers"*;

Għalhekk l-appell hu miċħud u s-sentenza konfermata; u peress *li l*-appell hu temerarju, wara li rat l-art. 441(2) Kap. 12, *tikkundanna wkoll lill*-appellant, minħabba f'daqshekk, għall-ammenda addizzjonali ta' £3.